



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.7.2013
COM(2013) 488 final

2013/0228 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1258/2012 tat-28 ta' Novembru 2012
dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-
Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-
sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ
bejn iż-żewġ partijiet**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tal-mandat li ngħatalha mill-Kunsill¹, il-Kummissjoni Ewropea nneozjat mar-Repubblika tal-Madagaskar bil-ħsieb li ġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar. Wara dawn in-negozjati, kien inizjalat Protokoll ġdid fl-10 ta' Mejju 2012. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Jannar 2013.

B'mod speċifiku, il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd għal 34 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ ta' aktar minn 100 TG u għal 22 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ ta' inqas minn 100 TG.

Parti mill-qabdiet ta' dawn il-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ hija magħmula mill-klieb il-baħar, li, minħabba li huma assoċjati, mil-lat tas-sajd, mat-tonn u ma' speċijiet simili, huma koperti mill-miżuri adottati mill-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (l-IOTC).

Abbażi tal-aħħar pariri u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku tal-IOTC u meta wieħed iqs il-vulnerabbiltà tal-ispeċijiet tal-klieb il-baħar ikkonċernati għall-pressjoni tas-sajd, iż-żewġ Partijiet iqisu li huwa xieraq li jillimitaw il-qabdiet ta' dawn l-ispeċijiet fiż-żona tas-sajd tal-Madagaskar għal livell aktar baxx minn dak li kien hemm f'dawn l-aħħar snin jew għal livell ugwali għalih.

Huwa għalhekk li, waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt tal-Ftehim dwar is-Sajd, iż-żewġ Partijiet qablu li jiffissaw il-livell tal-qabdiet tal-klieb il-baħar awtorizzati għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-Unjoni Ewropea għal mhux aktar minn 200 tonnallata kull sena għas-sentejn li jibdew mill-1 ta' Jannar 2013, u b'hekk iffriżaw il-pressjoni tas-sajd abbażi tar-reġistrazzjonijiet tal-qbid tal-flotta tal-Unjoni Ewropea, kif invalidati mill-istituti xjentifiċi tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu bejn l-2007 u l-2011.

Għalhekk, għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jadotta r-Regolament li ġej.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri ġew ikkonsultati fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd tal-Kunsill, kif ukoll waqt laqgħat tekniċi qabel il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u b'mod parallel magħhom. Dawn il-konsultazzjonijiet wasslu għall-konklużjoni li għandhom jiġu applikati restrizzjonijiet aktar stretti fuq il-qabdiet tal-klieb il-baħar, fost l-oħrajn billi jiġi ffixxat limitu ta' qabdiet skont id-dispożizzjonijiet adottati mill-IOTC.

¹ Dan ġie adottat mill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali fl-24 ta' April 2012.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1258/2012 tat-28 ta' Novembru 2012 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1258/2012 tat-28 ta' Novembru 2012 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

Fil-15 ta' Novembru 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 31/2008 dwar il-konkluzzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Madagaskar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija").

Fl-10 ta' Mejju 2012 ġie inizjalat protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll il-ġdid"). Dan il-Protokoll il-ġdid jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet li fihom il-Madagaskar għandu s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni fir-rigward tas-sajd.

Fit-28 ta' Novembru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċizzjoni 2012/826/UE² dwar l-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Matul laqgħa li saret fis-26 ta' Settembru 2012, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija analizza l-kwistjoni tal-klieb il-baħar li jinqabdu flimkien mas-sajd immaniġġjat mill-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC) u li huma s-suġġett tar-Risoluzzjoni 05/05 ta' din il-Kummissjoni fir-rigward tal-ġestjoni u l-konservazzjoni tagħhom u li s-sajd tagħhom huwa awtorizzat fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

² ĠU L 361, 31.12.2012, p. 11.

Matul din il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, iż-żewġ Partijiet qablu, abbażi tar-reġistrazzjonijiet tal-qabdiet, għall-perjodu mill-2007 sal-2011, tal-bastimenti tas-sajd bil-konz awtorizzati li jistadu fil-qafas tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija preċedenti, kif ivalidati mill-istituti xjentifiċi kkonċernati, li jkun xieraq li l-qabdiet tal-klieb il-baħar minn dawn il-bastimenti jkunu limitati għal massimu ta' 200 tonnellata kull sena għas-sentejn li jibdew mill-1 ta' Jannar 2013, u b'hekk iffriżaw il-pressjoni tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-klieb il-baħar f'konformità mar-rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kumitat Xjentifiku tal-IOTC.

Għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn il-qabdiet tal-klieb il-baħar fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-Protokoll li huwa fis-seħħ dal-ħin permezz ta' emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1258/2012 tat-28 ta' Novembru 2012.

Huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom huma awtorizzati jistadu fil-qafas ta' dan ir-Regolament jiskambjaw l-opportunitajiet tas-sajd kollha allokati lilhom fir-rigward tal-klieb il-baħar, jew parti minnhom.

Peress li l-Protokoll ilu li daħal fis-seħħ fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2013, huwa xieraq li dan ir-Regolament japplika b'mod retroattiv minn dik id-data,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1258/2012 għandu jiżdied il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. L-opportunitajiet tas-sajd għall-klieb il-baħar li jinqabdu flimkien mas-sajd immaniġġjat mill-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (l-IOTC) fil-kuntest tas-sajd bil-konz tal-wiċċ b'dan qed jiġu ffrissati għal 200 tonnellata fis-sena. Dan it-tunnellaġġ għandu jiġi allokati kif ġej fost l-Istati Membri:

Stat Membru	tunnellati
Spanja	166
Il-Portugall	27
Franza	7
Ammont totali	200

”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President